MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 238/2008

**MERCIECA COMPANY LTD,** preċedentement magħrufa bħala A&R Company Ltd

vs.

**VEBP LTD** u Joseph u Catherine Bonniċi

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-11 ta’ Marzu, 2008, li bih u għar-Raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta’ attriċi talbet li din il-Qorti (1) tiddeċiedi din il-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet ta’ l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (2) ssib li billi l-kumpannija intimata waqgħet lura fil-ħlasijiet tagħha, l-intimati għandhom iħallsuha s-somma ta’ €21,933.56 rappreżentanti l-korrispettiv tal-konċessjoni għat-tħaddim ta’ l-istabbiliment bl-isem ta’ *“Beluga Restaurant,”* illum imsejjaħ *“Jakarta,”* fi Triq il-Gardiel,

Wied il-Għajn u l-ħlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma u permessi dwar l-imsemmi fond;

Rat illi l-atti tar-Rikors u l-Avviż tas-Smigħ ġew debitament notifikati lill-intimati li naqsu li jippreżentaw Tweġiba Maħlufa u hekk baqgħu kontumaċi, billi lanqas dehru meta l-kawża ssejħet għadd ta' drabi;

Semgħet ix-xhieda ta' rappreżentant tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-lum li bih ċediet l-atti tal-kawża fil-konfront tal-kumpannija intimata Vebp Ltd.;

Rat in-Nota tas-soċjeta' attriċi mressqa waqt is-smigħ tal-lum li biha rriduċiet it-talba b'€3,392.88 stante ħlas akkont fil-mori tal-kawża;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba kif hekk imnaqqsa tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi:

1. **Tastjeni** milli tqis iżjed l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-kumpannija intimata fid-dawl tan-nota ta' ċessjoni mressqa dwarha llum mill-kumpannija attriċi;

2. **Tilqa' l-ewwel talba** u tgħaddi biex taqta' l-kawża mingħajr smigħ;

3. **Tilqa' t-tieni talba attriċi,** kif imnaqqsa, u tikkundanna lill-intimati Joseph u Catherine Bonniċi, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tmintax-il elf ħames mija u erbgħin Euro u tmienja u sittin ċenteżmi (€18,540.68), bilanċ ta' somom lilha minnhom dovuti kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-26 ta' Marzu, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv u ma' l-ispejjeż tal-

kawża, minbarra dawk fil-konfront tal-kumpannija mħarrka Vebp Ltd., li għandhom jiħallsu mill-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------